# Id-Dipartiment tal-Kummerċ

## MIN AĦNA

Il-missjoni tagħna hija li nipprovdu l-infrastrutura essenzjali biex id-drittijiet tal-propjetà intellettwali jiġu allokati u rrispetati. Aħna impenjati li nimplementaw il-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-liċenzjar tal-kummerċ, l-importazzjoni u l-esportazzjoni filwaqt li nżommu r-Reġistru Nazzjonali tas-Snajja u nservu bħala uffiċċju nazzjonali tan-network SOVIT tal-UE.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://commerce.gov.mt/servizzi/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 10-15-il minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 3-5 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- *Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: commerce@gov.mt*
- *Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq Issottometti ilment*

Il-Kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 5-10 ijiem tax-xogħol

## KIF TIKKUNTATTJANA

- *Trademarks, Patents & Design*
  *Mistoqsijiet Ġenerali:* Business 1st, Cobalt House, Triq l-Imdina Mrieħel Malta
  Ħinijiet tal-ftuħ: *https://www.businessfirst.com.mt/opening-hours/*
  *Mistoqsijiet dwar l-applikazzjonijiet:* Industrial Property Registrations Directorate
  Commerce Department, Lascaris Bastions, Daħlet is-Sultan, Il-Belt Valletta, Malta – bl-Appuntament
  Bit-Telefown: 2569 0213/232 (Trademarks) / 2569 0109/230/224 (Patents & Design)
  Mit-Tnejn sal-Ġimgħa Xitwa: 08:00-12:00 & 13:30-15:00; Sajf: 08:00-12:00
- *Import & Export Licences, Trading Licences / Crafts Solvit*
  Commerce Department, Lascaris Bastions, Daħlet is-Sultan, Il-Belt Valletta, Malta
  *Trading Licences*: 2569 0323, 2569 0293, 2569 0310, 2569 0313
  *Crafts Solvit*: 2569 0329, 2569 0350, 2569 0238
  Mit-Tnejn sal-Ġimgħa Xitwa: 08:00-12:00 & 13:30-15:00; Sajf: 08:00-12:00
  *Import & Export Licences*: 2569 0315, 2569 0302, 2569 0287, 2569 0111
  Mit-Tnejn sal-Ġimgħa Xitwa: 08:00-12:00 & 13:30-15:00; Sajf: 08:00-12:00
  Sibtijiet, Ħdud u Festi: Magħluqa
- *https://commerce.gov.mt*
- Through Social Media: